Ref: 15/6/194/13

**Minuti tal-Laqgha Nru. 15 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivvi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 3 ta' Jannar 2013. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa u l-Kunsillier Raymond Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-Accountant tal-Kunsill Anthony Chircop.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .13 tas-Sitt Legislatura**

1.1 Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Materji konnessi**

1.2 Is –Sindku rigward item 2.1 ta rendikont lill kunsill ta x' gara f'dan il-kaz, fejn l-awtoritajiet taw il permess lic-cirku biex jopera anke jekk li l-Kunsill kien kontra li jsir hekk.

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 13 tas-Sitt Legislatura**

1.3 Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Materji konnessi**

1.4 Is –Sindku rigward item 2.10 qal li ghadu ghaddej f'diskussjonijiet mal-Kappillan.

## 2) **Korrispondenza**

2.1 Ma tressqet l-ebda korrispondenza.

2.2 Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-Agenda biex jigi diskuss item 4.

2.3 Din giet approvata nem.com.

## 4) **Rapport Finanzjarju**

4.1 L-Accountant tal-Kunsill qassam dokument lill-Kunsilliera fejn spjega fir-reqqa il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill.

4.2 Huwa spjega kif il-Kunsill mistenni li jkollu surplus ta' 39K fl-gheluq tas-sena finanzjarja.

4.3 Saru diversi kjarifiki mill-kunsilliera u dan ir-rapport gie approvat nem.com.

4.4 Il-Kunsill approva ukoll li tintalab BOV internet key ohra ghal uzu ta' l-ufficcju.

## 3) **Post Mortem Attivitajiet**

3.1 Il-Kunsillier Bernard Lynch ta' rendikont verbali ta' kif marru l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

3.2 Il-Kunsilliera Delezio irringrazjat lill-Kunsillier Lynch u lil dawk kollha li kienu nvoluti f'dawn l-attivitajiet.

## 5) **Bonus Haddiema**

5.1 Is-Segretarju ressaq fuq il mejda il-Performance apprasial tal-Haddiema kollha tal-Kunsill (ghas-Sena 2012). Dawn kienu A. Panzavecchia, A. Gatt, J.Camilleri, K. Zammit. Huwa rrakomanda l-massimu ta' dan il-Bonus ghall-haddiema kollha.

5.2 Il-Kunsill qabel unanimanent, is-Sindku f' isem il-Kunsill irringrazzja l-haddiema ghax xoghol siewi li jaghmlu.

5.3 Is-Sindku ressaq fuq il mejda il-Performance apprasial tas-Segretarju. Huwa qal li l-Kunsill ghandu jirrakomanda lid-Dipartiment li s-Segratarju jinghata l-massimu ta' dan il-Bonus.

5.4 Il-Kunsill qabel unanimanent, is-Sindku f’ isem il Kunsill irringrazja lis-Segretarju ghax xoghol siewi li jaghmel.

5.5 Il-Kunsilliera Delezio gibdet l-attenzjoni fuq l-ikel tal-Haddiema tac-CCF.

5.6 Wara diskussjoni sar qbil li minhabba li dan huwa progett pilota, l-ikel ta’ dawn il-haddiema jigi kappjat b’ 150 Euro fil-gimgha.

5.7 Gie deciz ukoll li bhala rikonnoximent tax-xoghol taghhom ghandu jigi iddepositat fil-kont tac-CCF elf euro lill kull haddiem. Sar qbil ukoll li jekk il-performance taghhom tkun tajba jinghataw depositu iehor f’ Gunju.

5.8 Gie deciz li jinxtara printer ghal-ufficcju ghas-somma ta’ 250 euro.

## 6) <u>Pagamenti</u>

6.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-ammont ta’ €97,199.31. Dawn gew approvati nem.com.

## 7) <u>Aggornament</u>

7.1 – Gie deciz li-laqgha ohra ssir fl-24 ta’ Jannar 2013 fis-6.00pm.

7.2 - Il-laqgha giet maghluqa fis-6.45pm.

Approvati llum ___________________________

| | |
|---|---|
| _______________ | __________________ |
| Roderick Spiteri | Kevin Borg |
| Sindku | Segretarju |